azzopardi
flores clint eu24

# ninvestu f'Malta tagħna

# prijoritajiet tal-**kampanja**



# Introduzzjoni

Xtaqt li l-kampanja elettorali tiegħi tirrifletti dak li tixtiequ intom bħala elettorat. Sintendi, ridt naċċerta li nisma' lilkom u x'għandkom xi tgħidu ħalli nkunu f'pożizzjoni li nwettqu kampanja li tilħaq lil kulħadd. Il-kampanja li varajt f'Jannar li għadda hi waħda min-nies, għan-nies u tan-nies. Infatti, din l-aħħar sena u nofs smajt ħafna mingħandkom u ridt niżgura li dak li jkollna bħala prijoritajiet jirrifletti dak li tarraftu lili.

Fil-fatt, ħafna ċittadini kellmuni dwar l-Unjoni Ewropea u dak li qiegħed iseħħ madwarna, inkluż il-konflitti, il-gwerer, it-tibdil fil-klima, ħiliet ġodda li hemm bżonn nibdew inħarsu lejhom u anke s-sigurtà. L-elettorat kellimni wkoll dwar x'jista' jsir sabiex intejbu l-qagħda tagħna bħala pajjiż billi nieħdu kull opportunità li hemm, anke fis-suq intern, li jwassal għat-titjib tal-ħajja tagħna lkoll u nkomplu Ninvestu f'Malta Tagħna. Għaldaqstant, ħsibna sabiex naqsmu l-prijoritajiet tagħna f'erba' pilastri li jiffukaw qabel kollox fuq il-Kwalità tal-Ħajja, l-Ekonomija, is-Soċjali u s-Sigurtà u d-Diplomazija.

L-elettorat għandu l-opportunità li jevalwa l-kandidati li se jkunu ppreżentati quddiemu u jwassal il-ġudizzju tiegħu. Kien għalhekk li ddeċidejna li niġu quddiem l-elettorat b'20 proposta li għalija se jkunu ta' prijorità, jekk dejjem tatuni l-fiduċja u l-privileġġ li nservikom. L-għażla li se jkollkom fit-8 ta' Ġunju 2024 hi importanti kemm għalikom, bħala elettorat, u anke sabiex tagħtu sinjal fejn tridu li l-Unjoni Ewropea tiffoka fil-ħames snin li ġejjin. Id-deċiżjoni hi finalment tagħkom bħala poplu sovran u li jagħżel kull ħames snin ir-rappreżentanti tiegħu.

Il-wegħda tiegħi hi li jkun xi jkun il-ġudizzju tagħkom, se nibqa' dejjem viċin tagħkom. Mill-qalb nirringrazzjakom tas-suġġerimenti tagħkom u tal-kuraġġ li tajtu kemm lil Ray Azzopardi u lili tul dawn l-aħħar sentejn.



**Clint Azzopardi Flores**
Ekonomista u Kandidat MEPs 2024


azzopardi
flores clint eu24

# Bijografija

Clint Azzopardi Flores trabba u għex fuq Santa Margerita, Bormla. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu l-iskola primarja tal-gvern u wara s-sekondarja Ġużeppi Despott Verdala Junior Lyceum f'Bormla. Huwa studja fl-Università ta' Malta minn fejn kiseb baċellerat sa Masters of Arts fl-ekonomija.

B'dawn il-ħiliet huwa beda l-karriera tiegħu jaħdem il-Bank Ċentrali ta' Malta. Fir-rwol tiegħu fil-Bank Ċentrali ta' Malta kiseb bosta esperjenzi, peress li kien jinteraġġixxi ta' sikwit mal-Bank Ċentrali Ewropew. Fl-2011 Clint ingħata borża ta' studju u ssokta l-istudji tiegħu fl-Università ta' York fl-Ingilterra fejn temm b'suċċess Masters of Science fl-ekonomija u l-finanzi u ggradwa b'distinzjoni.

L-għarfien ta' Clint dwar l-Unjoni Ewropea u kif taħdem ġabu bl-esperjenza diretta li kellu għal tmien snin jaħdem Brussell. Dan għaliex fl-Ewropa huwa serva lil Malta, l-ewwel bħala Budget Attaché, imbagħad waqt il-Presidenza Maltija fl-2017, bħala President tal-Baġit fil-Kumitat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Hawn, huwa nnegozja r-reviżjoni tar-regolament finanzjarju tal-Unjoni Ewropea b'suċċess f'qasir żmien fejn irnexxielu jgħaqqad 28 pajjiż fuq pożizzjoni komuni.

Wara l-Presidenza Clint kien maħtur Ambaxxatur għall-Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà tal-Unjoni Ewropea bħala r-rappreżentant tal-gvern Malti. Permezz ta' din ir-responsabbiltà, hu kiseb esperjenza wiesgħa u diretta fil-politika internazzjonali, il-ġeopolitika u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea. Wara mexa sabiex speċjalizza bħala ekonomista fir-riskji tal-klima fil-Banek, magħrufin aħjar bħala ESG. Clint għandu 42 sena, jgħix Ħal Tarxien u miżżewweġ lil Ray Azzopardi.







# Kontenut


**Introduzzjoni** 03

**Bijografija** 05

**Pilastru 1:** Kwalità ta' Ħajja Aħjar 07

1. Politika ta' Rikreazzjoni u l-użu ta' art pubblika 08
2. The Right to Adequate Green Space 09
3. Programmi ġodda ta' Assistenza fil-Homework 09
4. Utilizzazzjoni Aħjar tar-Riżorsi 10
5. Ftehimiet Kummerċjali (Trade Agreements) 10

**Pilastru 2:** L-Ekonomija 13

6. It-Tisħiħ tat-Turiżmu f'Għawdex u t-Tradizzjonjiet Maltin 14
7. Ħiliet Eżistenti, Oħrajn Ġodda u Taħriġ Kontinwu 15
8. Startups u l-Aċċess għal freelancers 15
9. Litteriżmu Finanzjarju 16
10. Nattiraw Manifattura ta' Kwalità f'Malta 16

**Pilastru 3:** Is-Soċjal 19

11. Politika Ewropea dwar is-Saħħa Mentali 20
12. Għajnuna komunitarja u l-integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol 20
13. Ċentru Reġjonali Ewropew għall-Mard Rari 21
14. Housing Affordabbli 21
15. Suq tal-Insurance li ma jeskludi lil ħadd 21

**Pilastru 4:** Is-Sigurtà u d-Diplomazija 23

16. In-Newtralità ta' Malta 24
17. Nirregolaw Aħjar l-Intelliġenza Artifiċjali 24
18. Is-Sigurtà tal-Klima 24
19. Is-Sigurtà tal-Ikel 25
20. Il-Ħarsien tal-Ħaddiema li jidħlu minn barra l-Unjoni Ewropea 25



# Pilastru 1

## Kwalità ta' Ħajja Aħjar

1. Politika ta' Rikreazzjoni u l-użu ta' art pubblika
2. The Right to Adequate Green Space
3. Programmi ġodda ta' Assistenza fil-Homework
4. Utilizzazzjoni Aħjar tar-Riżorsi
5. Ftehimiet Kummerċjali (Trade Agreements)

# **Pilastru 1:** Kwalità ta' Ħajja Aħjar

X'hemm iżjed għażiż minn ħin ta' kwalità mal-familji u dawk qrib tagħna? Il-kwalità tal-ħajja, il-mod ta' kif ngħixu, x'nieklu u l-ħin ta' kwalità li nqattgħu f'pajjiżna u fl-Unjoni Ewropea għandu jkun wieħed li jagħtina sodisfazzjon, mhux b'anqas anke fuq il-post tax-xogħol u l-assistenza li nagħtu lill-familji. Pajjiż b'poplu kuntent iwassal għal iżjed produttività f'dak kollu li nagħmlu. Mudelli bħal dawn jgħinu sabiex ikollna poplu aktar san.

## **1.** Politika ta' Rikreazzjoni u l-użu ta' art pubblika

Fuq livell Ewropew nistgħu naraw kif inkomplu nintegraw il-politika ta' rikreazzjoni. Irridu niżguraw li fejn hu possibbli, art pubblika tintuża għall-fini tal-interess pubbliku. Jista' jkun hemm aktar fondi Ewropej iddedikati għal dan l-iskop, b'kundizzjonijiet stretti. Niżguraw li l-użu għall-pubbliku jkun aċċessibbli u pjaċevoli minn kulħadd, b'xejn u mingħajr skop ta' qligħ. Nemmen li l-ispazji pubbliċi huma element ewlieni tal-individwu u l-benesseri soċjali fejn il-postijiet ilaqqgħu l-komunità li tixhed il-ħajja kollettiva, l-espressjonijiet tad-diversità tar-rikkezza naturali u l-kulturali li jsawruhom. Fl-istess ħin irridu nkomplu nesploraw modi alternattivi ta' trasport, inkluż dawk bil-baħar, speċjalment għall-gżejjer li jkomplu jipprovdu aċċess universali lil kulħadd. Naċċertaw b'mod partikolari li f'żoni urbani ħafna, nisa u tfal, anzjani u persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess mhux imxekkel. Parti mill-fondi Ewropej, għandhom ikomplu jintużaw sabiex noħolqu konnettività aħjar, u spazji ta' rikreazzjoni li verament itejbu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini.

## **2.** The Right to Adequate Green Space

Fuq livell Ewropew, iċ-ċittadini għandu jkollhom aċċess għal dak li jissejjaħ **'the right to adequate green space'** speċjalment fejn jidħol il-mod ta' kif nippjanaw il-bini ħalli nevitaw sitwazzjonjiet ta' żoni b'ħafna bini li ma jipprovdix benesseri u nnaqqsu pressjoni fuq l-infrastruttura. Għandha tinfetaħ konsultazzjoni pubblika fuq livell Ewropew sabiex nieħdu stampa tas-sitwazzjoni u nagħtu viżibbiltà ta' dak li hemm bżonn ukoll f'pajjiżi żgħar fejn it-territorju hu limitat u l-pressjoni fuq l-ekosistema hi akbar. Naħdmu fuq metric xjentifiku mal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropea u ma' riċerkaturi oħra sabiex ngħinu fit-tema tas-saħħa mentali u nintegraw 'the right to adequate green space' magħha, fejn kull bniedem ikun jistà jirrikrea ruħu f'żoni anke fil-madwar tal-binjiet fil-viċinità ta' fejn jgħix fil-komunità. Irridu naraw li nagħtu nifs liċ-ċittadini f'żoni urbanizzati ħafna anke fl-ippjanar tal-bini.

## **3.** Programmi ġodda ta' Assistenza fil-Homework

Waqt il-konsultazzjonijiet li kellna, deher li hemm ħtieġa wkoll ta' programmi b'fondi Ewropej, bħalma anke sar fil-passat għall-assistenza fil-homework. Irridu naraw li dan is-servizz jingħata speċjalment sabiex tfal bi problemi soċjali fil-familja ma jaqgħux lura u niftħu suq ġdid fis-servizz tal-edukazzjoni u xogħlijiet ta' kwalità. Nemmen, li dal-programm għandu jitwessa' ukoll sabiex dawk li jistgħu jħallsu jkunu jistgħu jieħdu din l-assistenza taħt programmi differenti bi ħlas ħalli ngħinu lill-familji bil-flessibbiltà tal-ħin anke tax-xogħol ħalli aktar ġenituri jintegraw lilhom infushom fid-dinja tax-xogħol. Il-familji li jaħdmu sa wara l-ħin tal-iskola jkunu jistgħu jserrħu rashom li wliedhom ħadu l-aħjar assistenza. B'hekk inkunu qed nieħdu ħsieb lil kull membru tas-soċjetà u noħolqu xogħlijiet ta' kwalità għall-familji u ħaddiema Maltin fejn jidħol is-servizz tal-edukazzjoni, inkluż f'pajjiżna.

# **4.** Utilizzazzjoni Aħjar tar-Riżorsi

Iċ-ċittadini ssuġġerew li nistgħu nibdew bi proġetti pilota fejn attivitajiet li jaqgħu taħt ekstrakurrikulari jinġabru f'binjiet eżistenti pubbliċi ħalli jgħinu fl-immaniġġjar tar-riżorsi. Iċ-ċittadini ssuġġerew ukoll li nistgħu nesploraw l-idea li naqsmu Malta f'reġjuni differenti u nikkonċentraw l-attivitajiet ekstrakurrikulari f'reġjuni minflok f'ħafna binjiet fil-lokalitajiet differenti. L-idea hi li jintużaw binjiet pubbliċi fejn min joffri dawn l-attivitajiet b'mod privat iħallas ukoll tal-użu tal-binjiet pubbliċi. Saru suġġerimenti wkoll li nesploraw proġetti ta' trasport pubbliku b'koperattivi f'ħinijiet fejn isiru l-attivitajiet ekstrakurrikulari, sabiex tnaqqas in-numru ta' karozzi mit-toroq u t-tniġġiż tal-karozzi f'ħinijiet wara l-iskola. Tkun ukoll qed timmassimizza l-użu tar-riżorsi anke ta' binjiet eżistenti, u tnaqqas anke t-traffiku f'ħinijiet hekk imsejħa rush hour.

# **5.** Ftehimiet Kummerċjali (Trade Agreements)

Xi ħaġa li wkoll ħarġet ċara matul is-sena li għaddiet hi li naċċertaw li nipprovdu għajxien adegwat lill-bdiewa u r-raħħala tagħna. Fl-aħħar snin l-Unjoni Ewropea baqgħet tintroduċi miżuri li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u r-raħħala, li ma jistgħux jikkompetu mal-prodott ta' pajjiżi terzi li jidħol fl-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, l-Unjoni Ewropea tistà eventwalment tirrevedi dawk l-hekk imsejħa Trade Agreements sabiex tipproteġi s-suq tagħha. Naturalment, l-approċċ m'għandux ikun ta' protezzjoni sħiħa imma li l-livell ta' kompetizzjoni ma' prodotti agrikoli oħra li ġejjin minn pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea jkun l-istess ma' dak tal-bdiewa u r-raħħala Ewropej.





# Pilastru 2

## L-Ekonomija

**6.** It-Tisħiħ tat-Turiżmu f'Għawdex u t-Tradizzjonijiet Maltin

**7.** Ħiliet Eżistenti, Oħrajn Ġodda u Taħriġ Kontinwu

**8.** Startups u l-Aċċess għal freelancers

**9.** Litteriżmu Finanzjarju

**10.** Nattiraw Manifattura ta' Kwalità f'Malta

# **Pilastru 2:** L-Ekonomija

Illum, Malta għandha fost l-akbar tkabbir ekonomiku mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. L-ekonomija hija bħal maratona. Il-mument li nitilfu l-momentum, ikun il-mument li nitilfu t-tkabbir u tkattir ta' miżuri soċjali tal-gvern attwali. It-tiġrija li għaliha rridu nkunu preparati fis-snin li ġejjin fl-Unjoni Ewropea, hi waħda ta' sfidi esterni u ġodda, li nistgħu niltaqgħu magħhom minn żmien għal żmien mingħajr ma nkunu qed nistennewhom. Irridu naraw li f'pajjiżna nkomplu ninċentivaw xogħol ta' kwalità ogħla u fl-istess ħin nipproteġu l-ħaddiema, in-negozjanti li jinvestu flushom u l-konsumaturi b'mod sostenibbli. Fuq livell Ewropew irridu ninvestu kemm f'niċeċ ekonomiċi eżistenti bħalma hi l-manifattura, l-biedja u t-turiżmu, iżda wkoll f'niċeċ emerġenti, partikolarment fejn tidħol it-teknoloġija.

## **6.** It-Tisħiħ tat-Turiżmu f'Għawdex u t-Tradizzjonijiet Maltin

Inkomplu nesploraw is-suċċess li qegħda tikseb l-industrija tat-turiżmu billi nimirħu lejn prattiċi iżjed sostenibbli inkluż f'Għawdex. Għalhekk il-proposta tagħna li nesploraw l-idea ta' finanzjament ta' business plans għat-Teatri Ewlenin, sabiex naraw il-vijabbiltà finanzjarja tagħhom u nkomplu nimbuttaw l-idea li nipprovdu Turiżmu ta' kwalità s-sena kollha f'Għawdex. Nemmen li jekk it-Teatri Ewlenin f'Għawdex ikunu qed joperaw full-time, inkunu qed noffru xogħlijiet u anke opportunitajiet ġodda lill-artisti lokali u nelevaw il-kultura f'Għawdex. Irridu wkoll noffru aċċess għall-kultura lil min hu żvantaġġjat sabiex noħolqu soċjetà aktar ġusta. It-tradizzjonijiet Maltin, inkluż dawk li jistgħu jkunu ta' attrazzjoni għandhom ikomplu jissaħħu fuq livell Ewropew. Irridu nagħtu viżibbiltà akbar, fuq livell Ewropew, dak kollu li jagħmilna Maltin. B'programmi b'fondi Ewropej nistgħu nkomplu nippromwovu l-kultura tagħna li indirettament tgħin ukoll sabiex nattiraw aktar turisti li jħobbu l-kultura u nżidu l-kwalità.

# 7. Ħiliet Eżistenti, Oħrajn Ġodda u Taħriġ Kontinwu

Lifelong learning, retraining u upskilling huma importanti ħafna sabiex ħadd ma jaqa' lura. Il-ħtieġa li bniedem jibqa' jitgħallem u jżid il-ħiliet tiegħu matul ħajtu għandha implikazzjonijiet mhux biss personali iżda wkoll fuq livell ekonomiku. Fid-dawl ta' sfidi ekonomiċi ġodda, il-gvernijiet Ewropej għandhom jassiguraw id-diversifikazzjoni tal-ħiliet, partikolarment fis-snajja' u fil-ħiliet li huma rekwiżiti għal setturi bħall-biedja u l-manifattura, kif ukoll jinċentivaw tagħlim skont il-ħtiġijiet tal-ekonomiji rispettivi tagħhom. L-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-politika ta' taħriġ kontinwu f'kull pajjiż membru, u taqsam l-informazzjoni u tiffaċilita x-xogħlijiet u l-ħiliet bejn l-istati membri.

# 8. Startups u l-Aċċess għal freelancers

Malta teħtieġ li ddawwar ideat innovattivi f'negozji li qed iwarrdu u li huma essenzjali għal SMEs ġodda. Fl-2023, Malta kienet imqiegħda bħala r-raba' l-aħjar destinazzjoni għal startups innovattivi. Startups jistgħu jikkontribwixxu kemm ekonomikament kif ukoll soċjalment fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni. Il-banek mhux dejjem jikkoperaw fil-finanzjament ta' startups u scaleups minħabba r-riskji. Għalhekk, il-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jipprovdi garanzji akbar u aħjar li tappoġġja l-ekosistema tal-bidu ta' startups u titnaqqas il-burokrazija li tagħmilha aktar faċli biex taċċessa l-finanzjament. Malta tista' tkun pożizzjonata bħala ċentru għal startups Ewropej b'investiment dirett barrani, b'residenza permanenti għall-individwi li jistabbilixxu l-operat tagħhom f'Malta, b'regolatur wieħed u qafas ta' governanza tajjeb hekk kif aċċertaw Fitch Ratings fl-aħħar assessment tagħhom. Ukoll, irridu naħdmu sabiex inkomplu nsaħħu s-settur finanzjarju u dak diġitali u nippromwovu ħiliet ġodda, bħal 'freelancers' li jaħdmu għal rashom f'dan is-settur u li jfornu servizzi ta' 'development' jew analitika, fost l-oħrajn, għal kumpaniji kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Ikun tajjeb li pajjiżi Ewropej żgħar bħal Malta jinċentivaw 'freelancers' kemm barranin kif ukoll lokali li magħhom iġibu ħiliet ġodda li jistgħu jiġu mgħoddija lill-ħaddiema Maltin, kif ukoll iwasslu għal oqsma ġodda ta' investiment u aktar kompetittività fis-setturi rispettivi.

# 9. Litteriżmu Finanzjarju

Irridu nkomplu ninvestu fl-edukazzjoni għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. Fejn jidħol il-Litteriżmu Finanzjarju hemm bżonn naħdmu mhux biss bħala pajjiż iżda anke fuq livell Ewropew hekk kif joħroġ ukoll ċar mill-aħħar stħarriġ tal-ewrobarometru li hemm bżonn ta' aktar għarfien. Jekk jiżdied il-litteriżmu finanzjarju f'pajjiżna, nibbenefikaw fuq diversi fronti, fosthom li jkollna ċittadini Maltin li meta jiġu biex jinvestu, kemm fis-suq lokali u kif ukoll fis-swieq barranin, ikunu jistgħu jikkwantifkaw aħjar ir-riskji tal-prodotti finanzjarji li jixtru. Jekk il-livell ta' litteriżmu jkun wieħed avvanzat, l-investitur ikollu aktar għarfien fuq jekk ir-rata tal-imgħax mitluba tkunx qed tirrifletti r-riskju tal-proġett. In-nuqqas ta' dan jista' joħnoq l-investiment minn imprendituri bi proġetti ta' kwalità f'pajjiżna, f'sitwazzjonijiet fejn l-investitur ikun qed jistenna rata ta' imgħax ogħla għal proġetti fejn ir-riskju ma jkunx relattivament għoli u b'hekk il-proġett ma jibqax vijabbli. L-Unjoni Ewropea għandha żżid il-fondi f'dan ir-rigward u għandha toffri iktar korsijiet bla ħlas lil kull faxxa tas-soċjetà, kemm fl-istituzzjonijiet edukattivi, mal-kunsilli lokali u anke fl-istituzzjonijiet tal-gvern, dawk privati u brokers.

# 10. Nattiraw Manifattura ta' Kwalità f'Malta

Waqt il-pandemija l-Unjoni Ewropea rrealizzat li hemm ċertu manifattura li ma tistax tgħaddi mingħajrha f'każ ta' kriżi. Nemmen li parti mill-investiment ta' manifattura ta' kwalità speċjalizzat li jistà jasal fl-UE minn pajjiżi terzi, hekk kif indikat ukoll mill-Kummissjoni Ewropea, għandu jkun maqsum b'mod ekwu u reġjonali għall-membri stati kollha. L-Unjoni Ewropea għandha taċċerta li kumpaniji ta' manifattura u anke sussidjarji tagħhom, li hemm ħsieb li jaslu b'mod reġjonali sabiex tinħadem fil-kontinent Ewropew, parti minnha tasal lejn Malta. Dan għandu jservi sabiex jagħti opportunità f'Malta liż-żgħażagħ tagħna b'xogħlijiet ta' kwalità.





# Pilastru 3

## Is-Soċjal

- **11.** Politika Ewropea dwar is-Saħħa Mentali
- **12.** Għajnuna komunitarja u l-integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol
- **13.** Ċentru Reġjonali Ewropew għall-Mard Rari
- **14.** Housing Affordabbli
- **15.** Suq tal-Insurance li ma jeskludi lil ħadd

# **Pilastru 3:** Is-Soċjal

Biex ikollna Ewropa soċjali jrid ikollna rappreżentanti li d-deċiżjonijiet minn Brussell jinħassu fid-djar tan-nies. Irridu nibnu Ewropa li verament tkun ta' kuxjenza mal-batut u l-vulnerabbli fis-soċjetà tagħna. F'dinja mgħaġġla li qegħdin ngħixu, irid ikollna rieda ġenwina biex naraw investiment kbir fuq livell Ewropew fejn tidħol il-prevenzjoni u t-trattament ta' ċertu kundizzjonijiet, inkluż is-saħħa mentali.

## **11.** Politika Ewropea dwar is-Saħħa Mentali

L-Unjoni Ewropea għandha tvara l-politika tagħha dwar is-saħħa mentali. Din għandha tkun ta' priorità iżjed minn qatt qabel speċjalment wara l-effetti li ħalliet il-pandemija. Hemm bżonn ta' strateġija b'saħħitha fuq il-politika tas-saħħa mentali Ewropea, li nemmen li għandha tkun abbinata mar-rikreazzjoni u l-produttività. Is-saħħa mentali għandha tiġbor kull forma ta' mard ieħor relatat mal-anzjanità. Irridu naqsmu aktar riċerka ma' pajjiżi oħra sabiex nitgħallmu minn xulxin u fejn hemm bżonn noffru servizzi fil-komunità bi programmi li jgħinu lill-familji tagħna. Ukoll, is-saħħa mentali u l-ambjent imorru flimkien u għalhekk għandu jsir aktar sabiex ngħinu f'dar-rigward li huwa wkoll abinat mal-kwalità ta' ħajja aħjar.

## **12.** Għajnuna komunitarja u l-integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol

Nemmen li t-Telemedicine jistà jissaħħaħ billi jkompli jitwessa' bħala servizz 24/7 fil-kura tal-pazjenti. Fejn jidħol mard li nistgħu nagħtu assistenza akbar bit-Telemedicine, nistgħu nkunu eqreb lejn il-komunità speċjalment għall-anzjani u ngħinu aktar fil-politika dikjarata tal-gvern. Nemmen li jekk għandna persuni li qed ibatu eżempju minn saħħa mentali, speċjalment żgħażagħ, għandhom jingħataw din l-assistenza u noħolqu wkoll apps diġitali li jilħqu żgħażagħ fuq il-midja soċjali. Irridu ngħinu kemm nistgħu u nedukaw ħalli nevitaw lil min jista' jweġġa' u nagħmlu użu aħjar mit-teknoloġija. Apparti minn hekk, għandhom jinħolqu programmi soċjali b'fondi Ewropej li jgħinu persuni jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol, sabiex inħarsu d-dinjità ta' kull bniedem, u anke nassistu l-familjari fejn jinħtieġ.

## 13. Ċentru Reġjonali Ewropew għall-Mard Rari

Ħafna nies li ltqajna magħhom, semmew il-bżonn ta' ċentri speċjalizzati ta' riċerka għall-mard rari fuq livell Ewropew inkluż dawk reġjonali. Nemmen li rridu nesploraw l-idea ta' ftuħ ta' ċentru speċjalizzat li jaħdem flimkien man-netwerk Ewropea EURORDIS. Hemm bżonn ta' għarfien akbar u assistenza lill-familji li jbatu minn mard rari, ħalli ngħinu aktar fil-kwalità tal-ħajja tan-nies. Nemmen li l-mard rari f'pajjiżi żgħar jagħmilha aktar rari għaliex il-każijiet ikunu ħafna anqas u limitati minn dawk ta' pajjiżi akbar. B'hekk inkunu wkoll nistgħu naqsmu l-informazzjoni bejn il-membri stati.

## 14. Housing Affordabbli

Tema li hi topika ħafna, anke fl-Unjoni Ewropea, hi dik ta' ħajja diċenti għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni, li kienet ukoll inkluża fil-United Nations Development Goals. Ħafna żgħażagħ jagħrfu li l-gvern Malti daħal ukoll jgħin bl-għotjiet ta' għaxart elef ewro fuq għaxar snin għas-self tad-djar tagħhom sabiex jgħinhom isiru sidien ta' djarhom. Però rridu nesploraw mudelli ġodda ta' housing affordabbli u naraw mudelli finanzjarji ġodda anke mal-European Investment Bank, sabiex noffru self irħas li jkun imbagħad rifless fil-prezz. F'Malta qed isir xi ħaġa simili mill-Fondazzjoni tal-Akkomodazzjoni Affordabbli, li nemmen li b'self irħas offrut bil-garanzija tal-baġit Ewropew, jista' jkompli jgħin fondazzjonijiet bħal dawn li joffru akkomodazzjonijiet aktar affordabbli għal żgħażagħ u oħrajn li qed jeskludihom is-suq tal-proprjetà sabiex jingħataw ħajja aktar stabbli u diċenti.

## 15. Suq tal-Insurance li ma jeskludi lil ħadd

Fuq il-kwistjoni tal-assigurazzjoni, ħareġ ukoll ċar li għandu jinħoloq fond li jirregola s-swieq tal-insurances li ma jkunux iridu joffru assigurazzjoni, fuq bażi ta' età, mard u każijiet ta' riskji ogħla. Nesploraw il-kunċett li jkun hemm infurzar akbar tar-regoli li s-swieq tal-insurance ma jeskludix klijenti abbażi ta' x'seħħ fil-passat. Ir-riskju jekk ikun għoli għandu jkun rifless fil-prezz mingħajr ma jaqla lil ħadd 'l barra mis-suq dirett u indirettament, għax inkella nkunu qed nipprovdu diskriminazzjoni mingħajr mhi regolata. Hemm regoli limitati f'dar-rigward li jridu jkomplu jitwessgħu sabiex ikopru lil kulħadd. L-Unjoni Ewropea għandu jkollha Trust Fund iddedikat għalhekk sabiex tassisti lill-pazjenti u persuni li jaqgħu taħt dil-kategorija, u li għaddew minn dis-sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni mis-suq.



# Pilastru 4

## Is-Sigurtà u d-Diplomazija

**16.** In-Newtralità ta' Malta

**17.** Nirregolaw Aħjar l-Intelliġenza Artifiċjali

**18.** Is-Sigurtà tal-Klima

**19.** Is-Sigurtà tal-Ikel

**20.** Il-Ħarsien tal-Ħaddiema li jidħlu minn barra l-Unjoni Ewropea

# **Pilastru 4:** Is-Sigurtà u d-Diplomazija

Għandna ningħaqdu flimkien bħala nazzjon u nsaħħu l-kunċett tad-diplomazija, kull fejn inkunu. Il-kunċett tas-sigurtà huwa ħafna aktar wiesgħa minn sempliċiment fruntieri, militari u armi letali.

## **16.** In-Newtralità ta' Malta

In-Newtralità ta' Malta li maż-żmien kienet ta' tarka għalina fuq livell internazzjonali għandna nkomplu nitkellmu dwarha sabiex inħalluha ħajja u nippromwovu l-paċi kull fejn inkunu u kif meħtieġ, kif għamilna f'kull fora li konna, kemm fl-istituzzjonijiet Ewropej u anke multilaterali. Għandna nsegwu n-narrattiva li bena fuqha l-Papa Franġisku li nfittxu l-paċi dejjem u fejn hemm narrattiva ta' kunflitt, indawruha f'narrattiva li nilħqu ftehim.

## **17.** Nirregolaw Aħjar l-Intelliġenza Artifiċjali

Apparti s-sigurtà tradizzjonali ta' pajjiż, illum hemm realtajiet ġodda fosthom, is-Sigurtà tat-tisħiħ diġitali, l-intelliġenza artifiċjali u l-ħaddiem. L-UE għandha taċċerta l-implimentazzjoni tal-Att tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI) li hija wkoll konformi mad-drittijiet tal-bniedem, sabiex nagħrfu li filwaqt li huwa ż-żmien li nsaħħu l-qasam diġitali, ma ninsewx l-element uman. Id-dritt għall-privatezza u aktar minn hekk, id-dritt li wieħed jkun jista' jaħdem f'kuntest tad-demokrazija tat-teknoloġija huwa kruċjali fl-Unjoni Ewropea. L-AI m'għandux jintuża fil-militar u l-Unjoni Ewropea għandha tuża s-saħħa tagħha sabiex timbotta f'did-direzzjoni.

## **18.** Is-Sigurtà tal-Klima

Is-sigurtà tal-klima qed titfa' ħafna pressjoni fuq l-infrastruttura tal-pajjiżi taċ-ċentru tal-Mediterran u 'l isfel. Nemmen li hemm fondi Ewropej li jistgħu jintużaw għall-proġetti li joħolqu ġbir ta' ilma tax-xita li ma jintilifx u jkun jista' jkompli jintuża u naħżnu aktar ilma, u nutilizzaw il-fondi sabiex fejn nistgħu nibnu strutturi ta' difiża tal-ilma li ma jkasbrux żoni li huma urbanizzati ħafna. Irridu naċċertaw li l-proprjetajiet tagħna jibqgħu jżommu l-prezz tas-suq fejn possibbli u nimmitigaw li ma jkunux affettwati mit-tibdil fil-klima, speċjalment f'żoni fejn jista' jkun li jseħħ għarar minħabba xita spissa li jista' jkun qed isseħħ aktar frekwenti fil-futur.

# 19. Is-Sigurtà tal-Ikel

Is-sigurtà ġeopolitika u dik tal-klima jaffettwaw b'mod importanti l-qasam tas-sigurtà tal-ikel. Meta naraw l-inkwiet li qiegħed jiżdied fl-ibħra internazzjonali u nqisu li aħna nimpurtaw 70% tal-ikel tagħna, nifhmu li s-sitwazzjoni mhijiex sabiħa. Għandna nagħtu l-kontribut tagħna biex naħdmu għall-paċi, filwaqt li nkunu ppreparati għal dak li jista' jinqala'. Għandna naraw li jkollna biżżejjed għarfien f'dan il-qasam kemm bħala riċerka, kif ukoll innovazzjoni. Irridu naspiraw li l-produtturi primarji tagħna bħall-bdiewa, ir-raħħala, u s-sajjieda, ikomplu jużaw prattiċi iktar sostenibbili, filwaqt li naraw li jkollhom id-dħul ġust li jiggratifika x-xogħol kbir u iebes li qegħdin jagħmlu għall-ġid komuni. Hemm bżonn li nsaħħu l-infrastruttura, mhux biss dik diġitali, iżda wkoll dik fiżikali sabiex nimmassimizzaw ir-riżorsi tagħna u nilħqu kemm jista' jkun effiċjenza li tnaqqas l-ispejjeż. Apparti l-ftehimiet kummerċjali li wkoll qed jaffettwaw il-ħajja tal-produtturi Ewropej speċjalment dawk agrikoli, irridu naraw kif nimirħu wkoll lejn pajjiżi oħra f'dan il-qasam fil-qafas tar-regoli Ewropej. Irridu nsalvaw dan is-settur, mhux biss fuq livell lokali, imma anke Ewropew. Jekk se nibqgħu ma nindirizzawx il-problema u ma nitkellmux fuqha, se nibqgħu bil-problema. Iktar ma jgħaddi żmien dejjem qegħdin nitilfu iżjed bdiewa, bl-esperjenza siewja kollha tagħhom. Hemm bżonn qawwi ta' tiġdid ġenerazzjonali f'dan il-qasam, skemi li jinċentivaw produtturi ġodda 'new entrants' li jieħdu wkoll fil-konsiderazzjoni ix-xogħol mhux imħallas li l-familji tal-bdiewa jagħmlu. Jekk l-Unjoni Ewropea mhux se toħroġ b'inċentivi ġodda, is-settur nirriskjaw li nitifluh.

# 20. Il-Ħarsien tal-Ħaddiema li jidħlu minn barra l-Unjoni Ewropea

Is-sigurtà tal-ħaddiema li jidħlu minn barra l-Unjoni Ewropea għandhom jibqgħu fuq l-aġenda f'livell Ewropew. Ir-regolament ta' dak li se jwettaq il-gvern lokalment fuq it-trasparenza tal-kumpaniji li jimpurtaw il-ħaddiema minn barra l-Unjoni Ewropea huwa pass importanti. Għandna naraw li fuq livell Ewropew nimmitigaw l-abbuż fuq ħaddiema u t-traffikar tal-bnedmin. L-intelliġenza u qsim ta' informazzjoni jibqa' jissaħħaħ mal-pajjiżi. Apparti minn hekk, id-drittijiet ċivili għandhom jibqgħu mħarsa minn kull min jidħol f'Malta u fl-Unjoni Ewropea. Għandhom ukoll isiru programmi ta' taħriġ b'fondi Ewropej sabiex ngħarrfu lil kull min jasal fl-Ewropea jkun mgħarraf bit-tradizzjonijiet u l-kulturi tagħna li huma mibnija fuq il-libertà, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

azzopardi
**flores** clint eu24

Ninvestu **f'Malta Tagħna**